REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1649

tas-6 ta' Novembru 2020

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Jannar 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 36/2012.

(2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fis-Sirja, u meta jitqiesu l-ħatriet ministerjali reċenti, jenħtieġ li jiżdiedu tmien persuni mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għal miżuri restrittivi fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012.

(3) Għaldaqstant jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 36/2012 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa emendat kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Novembru 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
M. ROTH

([1]) ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1.

ANNESS

L-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-lista li tinsab fit-Taqsima A (Persuni) tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"303.	Bassam TOU'MA (magħruf ukoll bħala TU'MA) (بسام طعمة)	Data tat-twelid: 1969 Post tat-twelid: Safita, is-Sirja Sess: Raġel	Ministru għaż-żejt u r-riżorsi minerali. Maħtur f'Awwissu 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, iġorr parti mir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti mir-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	6.11.2020
304.	Hassan GHABACHE (magħruf ukoll bħala GHOBASH, AL-GHABBASH) (حسن غباشة)	Data tat-twelid: 1971 Post tat-twelid: Damasku, is-Sirja Sess: Raġel	Ministru għas-saħħa. Maħtur f'Awwissu 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, iġorr parti mir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti mir-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	6.11.2020
305.	Ziyad SABBAGH (زياد صباغ)	Data tat-twelid: 1960 Post tat-twelid: Aleppo, is-Sirja Sess: Raġel	Ministru għall-Industrija. Maħtur f'Awwissu 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, iġorr parti mir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti mir-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	6.11.2020
306.	Mohammad Hassan QATANA (حسن قطانة)	Post tat-twelid: Damasku, is-Sirja Sess: Raġel	Ministru għall-Agrikoltura u r-Riforma agrarja. Maħtur f'Awwissu 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, iġorr parti mir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti mir-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	6.11.2020
307.	Ghassan ZAMEL (magħruf ukoll bħala AL-ZAMIL, AL-ZAMEL) (غسان زامل)	Data tat-twelid: 1963 Post tat-twelid: Damasku, is-Sirja Sess: Raġel	Ministru għall-Elettriku. Maħtur f'Awwissu 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, iġorr parti mir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti mir-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	6.11.2020
308.	Mohamad (magħruf ukoll bħala Mohammad) Fayez BARCHA (magħruf ukoll bħala BARSHA, AL-BARASHA) (محمد فايز برشة)	Data tat-twelid: 1955 Post tat-twelid: Damasku, is-Sirja Sess: Raġel	Ministru tal-Istat. Maħtur f'Awwissu 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, iġorr parti mir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti mir-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	6.11.2020
309.	Malloul (magħruf ukoll bħala Maloul) HUSSEIN (magħruf ukoll bħala AL-HUSSEIN) (ملول حسين)	Data tat-twelid: 1950 Post tat-twelid: Provinċja ta' Al-Hasakah, is-Sirja Sess: Raġel	Ministru tal-Istat. Maħtur f'Awwissu 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, iġorr parti mir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti mir-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	6.11.2020
310.	Mohammad Samir HADDAD (محمد سمير حداد)	Data tat-twelid: 1956 Post tat-twelid: Tartous, is-Sirja Sess: Raġel	Ministru tal-Istat. Maħtur f'Awwissu 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, iġorr parti mir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti mir-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili."	6.11.2020